**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Joseph Sant

*versus*

Aġent Reġistratur tal-Qrati

**Stenografat - Qorti - *Administrative Officer***

*L-attur talab ħlas għal xogħol ta' stenografu u traskirzzjonijiet fi proċeduri quddiem il-Qorti kif ukoll talab danni konsistenti f'telf ta' imgħax minħabba taxxa mħallsa in eċċess.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat sentenza ta' l-Ewwel Qorti u laqgħet parzjalment it-talbiet ta' l-attur limitatament għall-ewwel talba.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi x-xoghol ta' stenografat li kien jagħmel l-attur, speċjalment wara li ġew introdotti l-machine* operators *u t-traskrizzjoni ta' xiehda b'mezzi elettromanjetiċi, kien servizz partikolari li hu kien iwettaq f'każijiet speċifiċi, liema servizz ċertament ma kienx parti mix-xogħol normali tiegħu ta' Administrative Officer jew ta' Deputat Reġistratur.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 1989, fl-ismijiet premessi, liema sentenza tgħid hekk:

"L-att taċ-ċitazzjoni jaqra hekk:

"Peress illi l-attur bħala *Administrative Officer* fis-servizz tal-Gvern kien oltre x-xogħol normali tiegħu jagħmel xogħol ta' stenografu kull fejn kien meħtieġ fil-Qorti, inklużi t-traskrizzjonijiet tal-proċeduri quddiem il-Qorti, għal liema xogħol hu rċieva regolarment il-ħlas dovut ad eċċezzjoni tal-perijodu li jvarja bejn l-1986 u 1987;

Peress illi għal dan is-servizz tiegħu hu ntitolat jirċevi s-somma komplessiva ta' mitejn u erba' liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm204.85), li l-konvenut, għalkemm interpellat uffiċjalment skond il-liġi, baqa' inadempjenti;

U peress illi inoltre l-attur sofra danni konsistenti f'telf ta' interessi fuq l-ammont ta' taxxa mħallsa in eċċess ta' dak dovut meta naqas li jagħti struzzjonijiet biex b'effett mix-xahar ta' Ġunju, 1987 it-taxxa tal-P.A.Y.E. fuq is-salarju mensili ta' l-attur tiġi ridotta minn 37% għal 8% u dan nonostante li kien ġie avżat għal dan il-fini mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, liema telf baqa' jipperdura sax-xahar ta' Awissu ta' l-istess sena;

Jgħid għalhekk l-istess konvenut l-għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Tikkundannah iħallas lill-attur, is-somma ta' mitejn u erba' liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm204.85) għal xogħol ta' stenografat u traskrizzjoni tal-proċeduri fil-Qrati u dan għal perijodu li jvarja mill-1986 sa l-1987;

Tillikwida d-danni li sofra l-attur konsistenti fit-telf ta' imgħax fuq l-ammont ta' taxxa mħallsa in eċċess ta' dak minnu dovut għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awissu 1987, kif fuq ingħad;

Tikkundannah iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru, 1987, u ta' l-ittri legali tat-2 ta' Diċembru, 1987 u ta' l-14 ta' April, 1988, kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni";

Il-konvenut eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma bla bażi stante li x-xogħol tiegħu bħala stenografu kien parti mix-xogħol normali tiegħu u rigward il-P.A.Y.E., l-eċċipjent ħa l-passi mmedjati biex ir-rata ta' tnaqqis tiġi mplimentata bla dewmien;

Eżaminat il-proċess u speċjalment in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti waslet għal dawn il-konsiderazzjonijiet:

Għal dak li huma l-fatti essenzjali jingħad illi l-attur, fl-1980, ġie nominat *Administrative Officer* fis-servizz ċivili u assenjat fid-Dipartiment ta' dawn il-Qrati. Oriġinarjament huwa kien fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni imma f'Jannar 1968

*huwa kien ġie nfurmat illi minn dakinhar kellu jibda* jattendi fil-Qorti Kriminali kull meta jkun hemm ġuri, biex jagħmel ix-xogħol ta' stenografu - dokument X a fol. 54. Fid-19 ta' Awissu, 1980, l-attur ġie nfurmat illi huwa kien ġie mlaħħaq Uffiċjal Amministrattiv *Grad III b'effett mill-1 ta' Jannar, 1980 biex* jaqdi dmirijietu fil-Qrati ta' Malta - dokument B a fol. 28;

Kif jidher mid-dokument li matul is-snin 1980 sa l-1986, l-attur irċeva *transciption fees/stenography allowance għax-*xogħol u traskrizzjoni ta' l-istess stenografat;

F'xi żmien fis-sena 1986 l-attur ma tħallasx dak li kien solitu jitħallas għx-xogħol deskritt. Għall-ewwel, wara li pprotesta, anke permezz ta' l-avukat tiegħu, reġa' tħallas, imma ftit wara l-pagament reġa' nżamm u baqa' hekk miżmum u pprovoka din il-kawża;

It-teżi tal-konvenut ġiet espressa b'mod ċar fl-ittra uffiċjali in risposta tas-16 ta' Novembru, 1987 - dokument C a fol. 17. Huwa kien qed jirrifjuta li jħallas għaliex:

"L-ebda uffiċjal amministrattiv fis-servizz ċivili ma huwa ntitolat għall-ħlas extra";

Għal x'hiex huwa ntitolat kull min huwa fis-servizz ċivili għandu jirriżulta minn dokument speċjali li jintbagħat lill-individwu u li joħloq l-obbligu u d-drittijiet bejn l-impjegat u l-Istat skond dak id-dokument u mid-dokument ġenerali magħruf bħala l-ESTACODE li huwa ġabra ta' modalitajiet u kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-impjegat fis-servizz ċivili u l-Istat;

Il-konvenut qed jissottometti illi hija regola u kundizzjoni tal-kuntratt ta' servizz fis-servizz ċivili illi ebda uffiċjal

*amministrattiv ma huwa ntitolat għall-kumpens għal xogħol li* jista' jagħmel żejjed jew barra u wara l-ħinijiet normali;

Dan ġie asserit minn Emanuel Sammut li huwa l-ogħla uffiċjal fid-Dipartiment inkarigat minn din il-parti ta' l-amministrazzjoni pubblika magħruf bħala *Establishments Office* u li jirrispondi lill-Prim Ministru, in kwantu huwa wieħed mill-uffiċji ċentrali ta' l-istruttura tas-servizz ċivili fl-amministrazzjoni;

Il-klawsola fl-Estacode li għaliha qed jirreferi l-konvenut hija nnumerata 3.2.2.1 - dokument A a fol. 23 li tistabbilixxi illi:

*"Where considerable overtime is required to be performed, staff in grades whose maximum salary does not exceed that of Adminsitrative Assistant may be allowed overtime pay provided that ..."*

li timplika għalhekk li Uffiċjal Amministrattiv - li huwa grad ogħla fis-salarju minn dak ta' Assistent Amministrattiv - anke meta huwa rikjest li jagħmel *considerable overtime* mhuwiex intitolat li jirċevi *overtime pay*;

L-istess Emanuel Sammut spjega diversi eċċezzjonijiet għal din ir-regola li jeżistu fil-prattika u mhumiex neċessarjament irreġistrati f'xi regola miktuba;

L-attur min-naħa tiegħu għamel diversi provi biex juri li nonostante din ir-regola huwa stess tħallas għal sitt snin sħaħ; ħafna - jekk mhux l-Uffiċjali Amministrattivi kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, jitħallsu għax-xogħol ta' wara l-ħin (xhieda ta' Dr. Patrick Spiteri fis-17 ta' April, 1989) u kif iddikjara l-istess Prim Ministru fil-Parlament - dokumenti A1 u B1, mhuwiex żgħir in-numru ta' dawk l-impjegati tas-servizz

ċivili ta' grad ogħla minn Assistent Amministrattiv, li rċevew xi kwalità ta' kumpens għax-xogħol wara l-ħinijiet normali u rċevew xi forma ta' *allowance* fis-snin mill-1986 sal-31 ta' Jannar, 1989. M'hemmx speċifikat - fid-dokument B1 - xi kwalità ta' *allowance* huwa dak li ġie riċevut u għalhekk din il-prova mhix univoka; però l-oħrajn kollha huma provi ta' eċċezzjonijiet għar-regola ta' l-Estacode. Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jkunu jew awtorizzati jew abbużivi. *Distinzjoni, fir-rigward,* ma saritx, imma huwa ċar illi għas-snin li ġew *imsemmija* fil-kawża - mill-1980 sa l-1988 - l-*Amministrazzjoni* ma kinitx lineari u preċiża fl-imġieba tagħha fil-prattika, u l-applikazzjoni tar-regola amministrattiva li hemm fl-Estacode; u ma kinitx manifesta u rigoruża biżżejjed f'dawk l-okkażjonijiet meta l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku jeħtieġu eċċezzjonijiet prattiċi u neċessarji għall-istess regola;

Ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet hija msemmija fl-artikolu 742 (5) tal-Kap. 12 li jiddisponi hekk:

"Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni oħra ta' din il-liġi jew ta' xi liġi oħra - servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet legali speċifikament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kundizzjonijiet ta' impjieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern, ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra";

Il-Qorti għalhekk għandha l-orizzont ristrett u l-panorama li għandha quddiemha hija nieqsa minn dik l-ampjezza tal-veduta li kull panorama tagħtik tant nifs meta tikkontemplaha;

Il-kliem sottolineat, speċjalment fl-artikolu tal-Kodiċi Proċedurali, jolqot dik il-parti tad-dritt sostantiv li jirregola l-

obbligazzjonijiet - wieħed mill-istituti bażiċi u allura din id-*disposizzjoni* postha huwa band'oħra;

Naturalment, il-Qorti hija marbuta ma' dak li *jippreskrivi* l-artikolu għalhekk sakemm l-*attur ma* jippruvax li fil-konfront tiegħu dawk il-kondizzjonijiet ta' impjieg li jirriżultaw mill-*Estacode* jew min-nomina tiegħu - kif intqal - inkisru ma tistax tagħtih rimedju. Dak li rriżulta fil-kawża jindika, se *mai*, illi l-attur ġie mogħti aspettattiva meta *l*-Gvern, għal żmien twil, ħallsu ta' xogħol *li* skond l-Estacode ma kienx jintitolah għall-*ħlas*. *Fi sfera* ta' kontrattazzjonijiet privati regolati mill-Kodiċi Ċivili u mil-liġijiet oħra, dak *li* ġara *kien jattira* konsiderazzjonijiet oħra, imma dawn *hawn* huma esklużi mill-artikolu ċċitat;

*Jiġi konsentit* lill-Qorti li tinnota fl-artikolu l-frażi "<u>u qatt ma kienet tapplika</u>" li *mhix frażi preskrittiva iżda deskrittiva u* għalhekk qatt ma tista' tikkwalifika bħala parti mid-dritt u hija sempliċement pretensjoni vana ta' min billi jikkwalifika bħala *leġislatur*, jippreżumi li jista' fl-istess nifs ikun storiku u *jiddefinixxi* l-passat u jħalltu - biex jakkwista *kredibbilità* - *ma'* l-awtorità tal-preskrizzjonijiet. *Quam sufficit*;

L-attur fin-nota tiegħu ssottometta illi:

Fl-Estimi Generali dejjem issemmew *Stenographers fees*;

Dak *li* l-Qorti *ma* fehmitx *minn* dan l-argument *huwa* għaliex dan jista' jiġi marbut bilfors mal-pagament li kellhom isiru lill-attur u mhux per eżempju lill-stenografi oħra li jaħdmu f'dipartimenti oħra flok fil-Qorti u jiġu mibgħuta ukoll biex *jaħdmu* l-Qorti;

Illi x-xogħol ta' stenografat ta' l-attur ma setax jitkejjel

bil-miżura ta' l-*overtime* għaliex jonqos kontroll sħiħ fuq il-persuna. Dan ukoll il-Qorti ma fehmitx għaliex billi b'xi mod ġie fil-fatt hekk imkejjel għal snin sħaħ;

Illi l-attur kien aktarx qed jipperċepixxi *allowance* u mhux qed jitħallas ta' xi *overtime*. Dan ma ġiex ippruvat. Anzi l-amministrazzjoni nsistiet illi x-xogħol ta' l-attur bħala Uffiċjal Amministrattiv kien jinkludi xogħol ta' stenografija bħala parti ntegrali u normali tad-doveri tiegħu. Il-Qorti kienet tippretendi li jekk il-ħlasijiet lill-attur kienu verament - ċjoè uffiċjalment a bażi ta' *allowance* għal dak ix-xogħol partikolari li kien qed jagħmel allura dan il-fatt kien jirriżulta minn xi dokument li jawtorizza u li jattesta dan il-fatt. Id-dokument a fol. 93 manifestament mhux suffiċjenti għal dan l-iskop;

Barra minn dan, is-Segretarju ta' l-*Establishments Division*, xehed illi l-amministrazzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn xogħol żejjed - *extra work* - u xogħol wara l-ħin - *overtime work*. U għalhekk il-Qorti stess ma tistax tagħmel din id-distinzjoni għalkemm din id-distinzjoni hija reali u raġonevoli;

Finalment, il-Qorti ma sabitx provi sodisfaċenti rigward il-kwistjoni tal-P.A.Y.E. u r-rata li kellu jħallas l-attur. Kienet tistenna - hawn ukoll provi dokumentati li bihom l-attur juri kemm kienet din ir-rata - skond il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u b'kemm u meta ġiet varjata. Kif xehed Edgar Galea - alli r-rata ġiet ridotta għal sbatax fil-mija (17%) huwa ħa l-assi mmedjati neċessarji biex jagħmel il-pagament bir-duzzjoni, kif ridotta;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talbiet attriċi;

L-ispejjeż imħabba l-aspettattiva msemmija qabel, li luċiet mhux bla raġuni - lill-attur li jipproponi din il-kawża,

jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet";

Minn din is-sentenza appella l-attur Joseph Sant. L-aggravji ta' l-appellant jistgħu jiġu sintetikament elenkati hekk:

L-Ewwel Qorti kkonfondiet id-dritt għal *overtime* ma' dak għal *allowance* kif pretiż mill-attur;

Dik il-Qorti nterpretat b'mod skorrett l-artikolu 742 (5) tal-Kap. 12 (kif allura kien fid-data tas-sentenza);

Wara li l-attur appellant laħaq *Administrative Officer (A.O.)* hu baqa' jitħallas għal snin sħaħ tax-xogħol ta' stenografat li hu kien jagħmel b'mod u manjiera li dana l-fatt kien a konoxxenza ta' kull min kien ikkonċernat b'mod li għalkemm ma kienx hemm l-approvazzjoni bil-miktub, kien hemm effettivament u fil-fatt l-approvazzjoni ta' l-awtorità kkonċernata;

Jekk il-Kap tad-Dipartiment, li kien responsabbli sabiex jassigura li jkun hemm l-approvazzjoni meħtieġa biex jitħallas *allowance*, baqa' inadempjenti, dana l-fatt m'għandux jippreġudika lill-appellant; u

Kwantu għat-tieni (u t-tielet) talba tiegħu, kien hemm provi biżżejjed li kienu jiġġustifikaw din it-talba;

Ikkunsidrat:

Jidher qabel xejn opportun li din il-Qorti tiddisponi mit-tieni u t-tielet talbiet attriċi. Wara li eżaminat il-provi kollha, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tara li ma ngabux provi sodisfaċenti li jippruvaw, sal-grad rikjest f'kawżi ċivili, dak

allegat mill-attur appellant. Fuq dan il-punt din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tiddilunga aktar;

Dwar l-ewwel talba din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur appellant, wara li ġie promoss għall-grad ta' *Administrative Officer Grade III* b'effett mill-1 ta' Jannar, 1980, baqa' jagħmel xogħol ta' stenografat f'diversi awli tal-Qorti, kemm ċivili kif ukoll kriminali, u ta' dan baqa' jitħallas għas-snin 1980 sa 1985 skond it-tariffa ta' l-istenografat annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ġara, però, li għas-snin 1986 u 1987 dawn il-ħlasijiet, ċjoè ħlasijiet għax-xogħol ta' stenografat li l-attur appellant kien għamel, ma sarux u dan peress li d-Dipartiment ikkonċernat - id-Dipartiment tal-Qorti, li tiegħu il-konvenut appellat hu kap - ikkonkluda li hu, bħala *Adminsitrative Officer*, ma kienx intitolat għal dan il-ħlas;

Din il-Qorti tara li s-soluzzjoni għall-vertenza in kwistjoni wieħed għandu jsibha mhux tant fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 742 tal-Kap. 12 - subartikolu li, wara d-data tas-sentenza appellata, ġie revokat - daqskemm fid-disposizzjonijiet partikolari ta' l-Estacode applikabbli għax-xogħol li kien qed jagħmel l-attur appellant;

Ma hemmx dubbju li bħala l-Uffiċjal Amministrattiv l-attur appellant ma kienx intitolat għal ħlas ta' *overtime* għal xogħol konness max-xogħol tiegħu fil-Qorti. Dan jirriżulta ċar mid-deposizzjoni ta' Emanuel Sammut, *Secretary* fl-*Establishment Office* tal-Prim Ministru, mogħtija fis-27 ta' Frar, 1989. Jidher li hu paċifiku ukoll li l-attur appellant qatt ma kellu xi permess speċjali biex jitħallas għal xi *overtime* hekk magħmul (u indipendentement mill-kwistjoni ta' <u>min</u> kellu jitlob għal tali permess, min kellu <u>jagħti</u> il-permess, u jekk kellux neċessarjament jingħata <u>bil-miktub</u>);

Issa, ix-xogħol ta' stenografu fil-qorti jinkludi mhux biss l-attendenza ta' dak li jkun fl-awla partikolari, iżda ukoll it-traskrizzjoni ta' l-istenografat li jkun ittieħed f'format li jinqara, u li tiegħu l-persuna titħallas skond in-numru ta' kliem. Dan ix-xogħol ta' stenografat hu xogħol speċjalizzat li ftit hemm min hu kapaċi jagħmlu, speċjalment bil-Malti u fil-Qorti, fejn jintuża ħafna ġergo legali. L-attur appellant kien evidentement wieħed minn dawn in-nies. Dan ix-xogħol ta' stenografat ma kienx jaqa' fid-dmirjiet tiegħu la ta' *Adminsitrative Officer* u anqas fid-dmirijiet tiegħu ta' Deputat Reġistratur fl-Awli. Dana x-xogħol ta' stenografu fil-Qorti, bħax-xogħol ta' interpretu jew perit (ossia espert nominat) fil-Qrati, kien jaqa' taħt il-paragrafu 7.1.16.2 ta' l-Estacode, kif emendat bl-O.P.M. *Circular* 43 tat-2 ta' Novembru, 1984, liema paragrafu jgħid hekk:

"*Public Officers engaged on a whole time basis, who are called upon to give expert advice or other service in Court in respect of specific cases with which they do not deal in the course of their official duties, are allowed to retain 75% of the fees assessed by the Courts. Cases of doubt are to be referred to establishments and Finance for necessary clearance*";

Fil-fehma ta' din il-Qorti x-xogħol ta' stenografat li kien jagħmel l-attur, speċjalment wara li ġew introdotti l-*machine operators* u t-traskrizzjoni ta' xiehda b'mezzi elettromanjetiċi, kien servizz partikolari li hu kien iwettaq f'każijiet speċifiċi, liema servizz ċertament ma kienx parti mix-xogħol normali tiegħu ta' A.O. jew ta' Deputat Reġistratur. Għalhekk l-ewwel talba ta' l-attur appellant timmerita li tiġi akkolta;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel talba ta' l-attur u minflok tilqa' dik it-talba u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas

lill-attur appellant is-somma ta' mitejn u erba' liri u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm204.85) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjeż ta' din l-istanza, bħal dawk ta' l-ewwel istanza, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.